Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, id-29 t'Ottubru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil**
**Spettur Roderick Attard)**

**Versus**

**Adam Saleh**

**Kumpilazzjoni: 276/2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Adam Saleh ta' 22 sena, mwieled fit-18 ta' Ottubru 1997 gewwa is-Sudan, li ma ghandux indirizz fiss. Detentur ta' dokument skadut u mhux validu ta' l-azil (refcom) numru 26504 u numru tal-Pulizija 19H-129.

Fejn huwa gie akuzat talli fil-21 ta' Gunju 2020 f'dawn il-Gzejjer;

1. Ikkaguna att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jikkostitwixxix wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentati imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206, it-tnejn inkluzi ta' kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' Corinne Farrugia ID: 107201L. Artikolu 207, ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Aktar talli fl-istess cirkostanzi ikkaguna lil Corinne Farrugia ID:107201L il-biza' li ser tintuza vjolenza kontrijha jew kontra l-propjeta' taghha jew

kontra l-persuni jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap 9. Artikolu 251B (1) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta' PC1405 Dylan Gerada u PS639 Jean Mangion fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2020, u lil Joseph Rivans, WPC 70 Theresa Vella, Nazzareno Farrugia u Maria Farrugia fis-seduta ta' l-10 ta' Settembru 2020.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tal-15 t'Ottubru 2020.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura serja tar-reat li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali ta' l-imputat, ta' l-ammissjoni tieghu u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

<u>Decide</u>

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 8, 207 u 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Adam Saleh **hati** tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal **erbgha (4) snin prigunerija effettiva.**

Ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hati Adam Saleh b'**Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **hames (5) snin** millum ghall-protezzjoni ta' **Corinne Farrugia u l-familjari taghha.** Il-Qorti fissret lill-imputat Adam Saleh bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Illi rigward it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex taghti garanzija fil-konfront tal-parte civile ai termini tal-Artikoli 383, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata stante is-sejba ta' htija fil-konfront tal-imputat u ghalhekk qeda torbot lil hati **Adam Saleh** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena, minn meta il-piena moghtija tkun giet skuntata,** u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lil parte civile **Corinne Farrugia u l-familjari taghha.**

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-**Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-Qorti tinnota illi fil-kawza odjerna ma nhatar l-ebda espert, u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat

QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**ORDNI TA' PROTEZZJONI**
*(SKOND L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**ILLUM 29 t'Ottubru 2020**

**PULIZIJA**

**Vs**

**ADAM SALEH**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors/ Semgħat il-Partijiet;

Wara li rat l-Artikolu 412 Ċ (4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat ADAM SALEH detentur ta' dokument skadut u mhux validu ta' l-azil (refcom) numru 26504 u numru tal-Pulizija 19H-129 taħt is-segwenti kundizzjonijiet:

**a)** Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużat/a milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' **Corinne Farrugia u l-familjari taghha.**

**b)** Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat/ għal perjodu ta' **hames (5) snin** millum ġewwa l-fond fejn tirrisjedi/jirrisjedi/u, jaħdem/taħdem jew j/tiffrekwenta **Corinne Farrugia u l-familjari taghha** kif wkoll jekk l-akkużat/a ikollu/a xi interess legali f'dak il-fond;

**c)** Tipprojbixxi lill-akkużat/a milli j/tikkuntattja jew j/timmolesta lil **Corinne Farrugia u l-familjari taghha**

**d)** Din l-Ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' **hames (5) snin** millum.

**e)** Jekk mingħajr raġuni valida l-akkużat/a j/tikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu/a jista' jekk j/tinstab ħati/a jeħel multa ta' sebat elef Ewro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn, jew it-tnejn li huma.

Maġistrat
Dr Astrid May Grima
B.A., LL.D, Adv. Trib. Eccles. Melit.

Maġistrat

Akkużat

KRIM 30.2011